Isem: ______________________________________ Klassi: __________________

# L-Apparenza













1. Jien Oliver. Jien twil mhux ħażin u rqiq ħafna. Jien bjond. Xagħri qasir, isfar u mġiegħed. Għandi par għajnejn ċelesti kulur is-sema.

2. Jien jisimni Manwel. Jien twil, mibni u ismar. Xagħri qasir, kannella skur u lixx. Għajnejja kannella skuri. Għandi d-daqna u l-mustaċċi.

3. Insellimlek! Jien Ġina. Jien daqsxejn qasira u la jien ħoxna u lanqas irqiqa. Xagħri qasir u aħmar nar u għandi n-nokkli. Jgħidu li jien ġinġrija għax għandi n-nemex f'wiċċi.

4. Il-jum it-tajjeb! Jien Toni. La jien twil imma lanqas qasir. Jien ta' ġilda skura u ftit imbaċċaċ. Xagħri qasir, iswed u lixx. Għandi għajnejja skuri.

5. Il-ġurnata t-tajba! Jien Karmena. Jien irqiqa qasba u qasira ħafna wkoll. Xagħri la hu twil iżda lanqas qasir. Xagħri griż u lixx. Jien qamħija. Għajnejja huma kannella.

6. Jisimni Marija. Jien ftit qasira. La jien ħoxna u lanqas irqiqa. Xagħri hu twil, kannella ċar u mġiegħed. Għajnejja huma ħodor.